Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 29 t'Ottubru 2024**

**Kump. Nru. 8618/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Roderick Bellizzi**
**208788(M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Roderick Bellizzi**, detentur tal-karta tal-identita' numru 208788(M).

1. Akkuzat talli bejn nhar it-22 ta' Ottubru 2024 u nhar is-27 ta' Ottubru 2024, f'dawn il-Gzejjer bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Caroline Grech u Kristian Sant biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li tajt fastidju lil Caroline Grech u Kristian Sant, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Caroline Grech u Kristian Sant;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Caroline Grech u Kristian Sant;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga

ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Caroline Grech u Kristian Sant biex jaghmlu jew jonqsu jew milli jaghmlu xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghhom, jew biex jimmalafama lill-istess Caroline Grech u Kristian Sant, jew xi persuna ohra;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Caroline Grech u Kristian Sant garanzija taht artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza jew individwi ohra skont artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 251B(1), 251A(1)(a)b), 339(1)(e) tal-Kap 9 kif ukoll artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta Malta qed issib lill-imputat **Roderick Bellizzi hati** tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u ai termini tal-**Artiklu 7(1) tal-Kap 446** tal-ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht **Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) mil-lum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Roderick Bellizzi** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Roderick Bellizzi** taht **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sentejn (2) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Damien Cesare. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti avzat lill-hati x'jigri jekk ma jobdix il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni, tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni ta' Trattament ghal dawn is-sentejn moghtija millum.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Roderick Bellizzi b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sentejn (2)** millum ghall-**protezzjoni ta' Caroline Grech u Kristian Sant**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u tal-Ordni ta' Protezzjoni, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**